# BIĊĊA MILL-*PARADISE LOST* TA' MILTON *

Sliem għalik, ja Dawl imqaddes! nisel l-ewwel wild tas-sema,
Jew tad-Dija li minn dejjem għala dejjem kienet.
Għandi setgħa, kif jixraqlek, infisser ħjielek? Għax Alla huwa
U għax xejn ħlief dawl bla misbuq, dawl,
Minn dejjem saltan, hekk leħħ fik,
Dawl li jgħammex, minn sura ta' leħħa l-aktar safja middi.
Jew, aħjar, ismagħni inti, ja nixxiegħa l-aktar diefja
Li minn fejn ħriġt min jista' jgħid? Qabel ix-xemx,
Qabel is-sema nħloqt int, u mal-kelma t'Alla ksejt
Bħal b'mantar, id-dinja ġdida bl-ibħra għammieqa u qliel,
Li nġibdu mill-infinit fieragħ u bla sura.
Lilek inżur ġejt fuq ġwienaħ imħeġġa.
Ħrabt issa mill-belliegħa Stiġja, għalkemm żmien twil għad-dejt

---

* John Milton, wieħed mill-akbar poeti tal-Ingilterra u l-aqwa mgħallem tal-lirika Ingliża, huwa magħruf mad-dinja kollha għall-poema tiegħu tal-għaġeb: "*Paradise Lost*". F'dan ix-xogħol il-poeta b'sengħa ta' qawwa u ta' seħer, ifisser il-ġrajja ta' l-ewwel dnub li warajh ġieb it-telfa tal-Ġenna; dan il-ktieb igħaxxaq mill-bidu sat-tmiem iżda fih bċejjeċ ta' ġmiel li ma bħalu.

Din il-biċċa li qlibna bil-Malti hi l-bidu tat-tielet taqsima u fiha l-wisq magħruf *apostrofi* lid-dawl. Bi sbuħitha tisboq lil kull kitba tal-għamla tagħha. Billi, fi kburitu, Milton kien tilef id-dawl, din l-*apostrofi* tfawwar minn qalbu b'ħeġġa li tassew tqanqal. Wara l-*apostrofi*, hemm deskrizzjoni tal-Missier fis-sema miġbuda fi stil ta' ħeġġa u ta' qawwa kif jixraq lis-suġġett.

Ta' min isemmi wkoll li l-"*Paradise Lost*" ta' Milton hu magħdud bħala x-xogħol letterarju l-aktar tqil biex jinqaleb f'ilsien ieħor; ara kemm hu hekk, li mita jridu juru li xi lsien għandu ħeġġa, qawwa u ħajja kemm jeħtieġ, dejjem ifittxu li jaqilbu f'dak l-ilsien xi biċċa mill-poema ta' Milton.

F'dak il-għammieq mudlam, u fil-ħarba tiegħi
Ma' tul id-dawl mitfi u ma' tul id-dawl sewdieni
B'daqq li xejn ma jixbah 'il dak li joħroġ minn ta' Orfew il-lyra
Jien għannejt fuq il-Kaos u fuq il-Lejl bla-tmiem,
Mnebbaħ mill-Musa tas-sema kif nintafa'
Għan-niżla fid-dlam u kif narġa' nogħla
Għalkemm bit-twegħir u bit-tbatija: Lilek narġa' nżur ġejt,
Biex l-ogħla nar tal-ħajja narġa' nġarrab, għalkemm
Mill-ġdid ma jdawwalx dawn għajnejja li għalxejn jinqalbu
Biex l-imrieżaq qawwija tiegħek ifittxu u ma jsibu qatt is-sebħ:
Billi tebgħa sfieqa taffiet il-ħbub tagħhom;
Jew għata mċajpar satarhom. Iżda b'daqshekk
Ma nehdiex fejn jimirħu l-musi ngħarrex,
Qalb nixxigħat safja, moġra mdella u għoljiet xemxija,
Immellsin mix-xejra għal għana mqaddsa, iżda l-ewwel
Lilek, ja Sjonni, u l-moġra kollha ward
Li 'l riġlejk safjin jaħslu, xħin bil-ħlewwa jċarċru,
Kull lejla jien inżur, u anqas qatt ma ninsa
Lil dawk it-tnejn l-oħra li ndaqs messitna x-xorti
Kif indaqs ġarrabna l-foħrija,
Tamiri l-għama, u Meonidi bla dawl,
U l-ħabbara tal-qedem, Tiresju u Finew:
U nibqa' naħseb u nixtarr u nġib quddiem għajnejja
Għadd ieħor bħali; u bħal għasfur imqajjem
Jibqa' fid-dlam jgħanni u f'moħba mudlama mistur
Jibqa' jfesdaq fil-lejl għanjietu. Hekk, ma' tul is-sena
Jiġu wara l-oħra l-erba' żmenijiet, iżda qatt ma jarġa' jiġi
Is-sebħ għalija, jew ħelwin joħorġu l-għodwa jew il-għabx,
Jew fir-rebbiegħa tal-inwar id-dehra jew tal-warda sajfija,
Jew ta' mrieħel jew ta' ġlejjeb jew tal-bniedem wiċċ allaħi;
Iżda sħab imdennes u dlam ta' dejjem
Igħattuni; mid-drawwiet ferrieħa tal-bnedmin,
Maqtugħ inħossni, u fil-ktieb tal-għerf safi,
Li kollu fieragħ jinsab għalija,
Il-ħidma tal-ħolqien mitfija u mħassra nsibha,
Kif ukoll il-għerf inġarrab ma nistax, għax mitbuq.

Madankollu, ja dawl tas-sema, żid
Iddi ġewwa fija u 'l moħħi b'qawwietu kollha
Aktar dawwal u fihom għajnejn sawwar, biex
Wara li kull ċpar jitferrex u jissaffa, nara u nfisser nista'
Ħwejjeġ li lill-bnedmin qatt ma dehru.

* * *

Mela l-Missier li jista' kollox, minn hemm fuq,
Fejn fil-beraħ tal-aqwa safa Huwa qiegħed
Għoli aqwa minn kull kobor, tafa' għajnejh 'l isfel
Fuq tiegħu l-ħolqien u fuq ħidmitu, biex jarahom :
Madwaru, il-qdusijiet kollha tas-sema
Bħal kwiekeb miġburin kienu, filwaqt li mid-dawl tiegħu
Mogħnija kienu b'hena li ma tistax titfisser; fuq il-lemin
Ix-xbiha tiddi tas-Sebħ Tiegħu kienet qiegħda,
L-Iben il-waħdieni; fuq l-art Hu lemaħ
L-ewwel missier u omm il-bnedmin, u huma biss
Fost in-nies kienu mqiegħda fi ġnien-il-hena
Biex għala dejjem il-hena u l-imħabba jġarrbu,
Il-hena bla tmiem u bla qies l-imħabba,
F'ħemda li tgħaxxaq. Imbagħad Hu għajnejh mexxa
Fuq l-infern u d-dagħbien bla qiegħ fejn Satan qiegħed
Imxewlaħ barra truf is-Sema, fejn dejjem lejl
Ta' dalma ta' l-aqwa niket, u mhejji issa
Biex jiċċekken u jmil fuq ġwenħajh għajjiena u riġlejh maħlula
Fuq il-beraħ għeri ta' barra d-dinja li qisha
Art sħiħa bla xefaq, imħaddna,
Bilkemm tista' tgħid, jekk hux mill-baħar jew mis-sema....

Ġużè Galea

*Wara l-imħabba t'Alla, xejn ma għandu jkun egħżeż u aktar qaddis għalija mill-imħabba u l-qima lejn art twelidi.*

De Thou.